# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis 9 ta’ Jannar 2025**

**Numru 7**

**Rikors Numru 386/2024TA**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud a nom u in rapprezentanti ta’ l-assenti Bahaa Khalid Ahmed Al Far residenti Dubai**
**vs**
**Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited, (C89175)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ l-avukat Malcolm Mifsud għan-nom ta’ Bahaa Khalid Ahmed Al Far (ir-rikorrent nomine) tal-11 ta’ April 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Illi fit-30 ta’ Novembru 2021, Sharjah Federal Court- Civil Court of First Instance ta` Dubai (Dok MM2) kkundannat lil Aria Holding Limited u Aria Asset Management Limited ( illum bl-isem ta` Winthrop Woodraw Asset Management) thallas ir-Rikorrentinoe s-somma AED 5,079,943.75 ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum għal-miljun, mitejn u sitta u tmenin elf, tlett mija u tnejn u għoxrin Euro u tlieta u hamsin Centezmu (€1,286,322.53) flimkien ma imgħax ta` sitta fil-mija (6%);

Illi fit-8 ta` Frar 2022, the First Civil Circuit of Appeal (Dok MM3) kkonfermat is-sentenza tat-30 ta` Novembru 2021;

Illi The Commercial Cassation Circuit (Dok MM4) kkonfermat is-sentenzi hawn fuq imsemmija bi spejjes kontra tagħhom;

Illi l-proċeduri huma illum magħluqa u s-sentenzi huma res judicata;

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. A tenur tal-artikolu 826 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta` Malta, tordna l-eżekuzzjoni f` Malta tas-sentenza mogħtija The Commercial Cassation Circuit, ġewwa Dubai fil-kawża bin-numru 424/2022

2. A tenur tal-artikolu 828 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta` Malta, tordna r-reġistrazzjoni tas-sentenza mogħtija The Commercial Cassation Circuit, ġewwa Dubai fil-kawża bin-numru 424/2022;

3. Tagħti dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.

4. Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subbizzjoni.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (is-Soċjeta' intimata) li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Din hija risposta għar-rikors bin-numru 386/24 TA fejn ir-rikorrent talab, fost affarijiet oħra, l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza bin-numru 424/2022 mogħtija mill-*Commercial Cassation Circuit* (is-"**Sentenza**"), u dan ai termini tal-artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok.MM4 anness mar-rikors).

**A. <u>ID-DIFIŻA TA' WINTHROP</u>**

2. Preliminarjament, Winthrop ma kenitx notifikata bl-ebda rikors li istitwixxa l-proċeduri esteri, ma kenitx parti għalihom u għalhekk, mhijiex il-leġittimu kontradittur. Is-Sentenza li talab l-eżekuzzjoni tagħha r-rikorrent nomine mhijiex sentenza kontra Winthrop imma semmai sentenza kontra entitajiet oħrajn (mhux Winthrop) u għalhekk it-talba tar-rikorrent nomine għandha tiġi miċħuda abbażi tal-artikolu 827(1)(a) u l-art. 811(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; u anke għaliex huwa ċar li Winthrop hawnhekk mhijiex il-leġittimu kontradittur – mhijiex it-telliefa fil-proċeduri esteri. Ir-raġunijiet ser jiġu spjegati f'din ir-risposta iżda fil-qosor:

i) Winthrop ma kenitx notifikata bl-ebda rikors li istitwixxa l-proċeduri esteri, u għalhekk ma kenitx parti għall-proċeduri li wasslu għas-Sentenza u s-Sentenza mhijiex sentenza kontra Winthrop, is-soċjeta' li issa ġew istitwiti kontriha dawn il-proċeduri ta' eżekuzzjoni; u

ii) Addizzjonalment, imma relatat ma' (i) hawn fuq, is-suġġett tal-proċeduri esteri jirrigwarda *Associate Agreement* (il-"**Kuntratt**") bejn il-*branch* f'Dubai ta' soċjeta' magħrufa bħala Absolute Return Investment Advisers (ARIA) Limited fuq naħa, u Bahaa Khalid Ahmed Al Far, ir-rikorrent nomine, fuq l-oħra. Winthrop mhijiex parti għall-Kuntratt – fil-fatt, Winthrop lanqas biss kienet teżisti meta l-partijiet daħlu fil-Kuntratt.

3. Addizzjonalment, u mingħajr preġudizzju, abbażi tal-artikoli 827(1)(a), 811(d) u 827(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, Winthrop tissottometti wkoll li s-Sentenza ngħatat bi ksur tal-klawżola tal-arbitraġġ fil-Kuntratt u għalhekk il-qorti barranija ma kellhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ. Dan il-punt ser jiġi trattat f'aktar dettal fil-parti D ta' din ir-risposta.

4. Addizzjonalment, u mingħajr preġudizzju wkoll, fis-Sentenza ma hemm l-ebda ordni kontra Winthrop li tista' tiġi eżegwita f'Malta.

5. Għalhekk, abbażi tas-suespost, Winthrop tissottometti umilment li t-talba sabiex is-Sentenza tiġi eżegwita kontra Winthrop għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent nomine.

## B. <u>IL-FATTI</u>

6. Fl-**1 ta' Diċembru 2009**, soċjeta' bl-isem Absolute Return Investment Advisers (ARIA) Limited ("**Aria UK**") ġiet inkorporata fl-Ingilterra. L-azzjonisti kienu tnejn, senjatament, Matthew William Brittain u Paul Anthony Denby (ara estratt mis-sit tal-*Companies House* hawn anness u mmarkat 'Doc.A').

7. Fid-**9 ta' April 2015**, *branch* ta' Aria UK ġiet stabbilita fl-Emirati bl-isem Absolute Return Investment Advisers (ARIA) Limited (Dubai Branch) ("**Aria Dubai**"). Aria Dubai hija awtorizzata mill-*Emirates Securities and Commodities Authority* bin-numru 1164940 (ara 'Doc.B' anness ma' din ir-risposta).

8. Fit-**22 ta' Mejju 2018**, daħlu fil-Kuntratt Aria Dubai u r-rikorrent nomine, cioe' Bahaa Khalid Ahmed Al Far residenti f'Dubai (kopja tal-Kuntratt, flimkien ma' traduzzjoni, hija hawn annessa u mmarkata 'Doc.C'). Il-

Kuntratt ikkontempla relazzjoni bejn is-sur Al Far u Aria Dubai, fejn ġie maqbul li s-sur Al Far kien ser jippromwovi n-negozju u l-attivitajiet ta' Aria Dubai tramite numru ta' attivitajiet permessi, inkluż pero' mhux limitatat għall-introduzzjoni ta' klijenti potenzjali u hu jirċievi kummissjoni għax-xogħol li għamel. Meta l-partijiet daħlu fil-Kuntratt, Winthrop ma kenitx teżisti bħala soċjeta' għaliex ma kienitx inkorporata.

Fil-Kuntratt, Aria Dubai hija msejjħa 'Firm'. Klawżola 1.4 tal-Kuntratt tagħti tifsira ta' 'Firm' bħala

> "***Firm*** *means Absolute Investment Advisers (ARIA) Limited Dubai Branch, its Subsidiaries; its ultimate Holding Company; and all other Subsidiaries of that Holding Company"*[1]

Addizzjonalment, klawżola 23 tal-Kuntratt tipprovdi għall-arbitraġġ u tobbliga l-partijiet għall-Kuntratt sabiex jirreferu kwalunkwe disputa li għandha x'taqsam mal-Kuntratt għall-medjazzjoni, u jekk ma tirnexxix, għall-arbitraġġ.

9. Fis-**7 ta' Novembru 2018**, jiġifieri **<u>wara</u>** li l-partijiet daħlu fil-Kuntratt, Aria Asset Management (Malta) SCC Limited ġiet inkorporata mar-Reġistratur tal-Kumpanniji f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C89175. Kopja taċ-ċertifikat ta' inkorporazzjoni huwa hawn anness u mmarkat 'Doc.D'. Mal-inkorporazzjoni, Kareem Marwan Abdel Sattar kien appuntat direttur tal-kumpannija (u rriżenja minn dan l-irwol b'effett mit-30 ta' Ġunju 2023) u l-unika azzjonista kienet kumpannija inkorporata fl-Emirati bl-isem Aria Holdings LLC.

10. Fit-**3 ta' Lulju 2020**, Aria Asset Management (Malta) SCC Limited biddlet l-isem għal Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited (kopja taċ-ċertifikat tad-tibdil hawn anness u mmarkat 'Doc.E').

11. F'**April 2021**, kien hemm proċeduri istitwiti quddiem il-*Sharjah Federal Court* mir-rikorrent nomine kontra: a) *Defendant 1*: Kareem Marwan Abdel Sattar; b) *Defendant 2*: Jamil Mani; c) *Defendant 3*: Aria Holdings Company u d) *Defendant 4*: Aria Asset Management SCC. Winthrop ma hija elenkata mkien fil-lista ta' intimati.

12. Fis-**17 ta' Ġunju 2021**, il-*Sharjah Federal Court* tat deċiżjoni preliminari[2] fejn iddeċidiet li l-proċedura li fetaħ is-sur Al Far kellha tiġi miċħuda u dan minħabba l-eżistenza ta' klawżola t'arbitraġġ fi klawżola 23 tal-Kuntratt.

[1] Ara klawżola 1.4 tal-Kuntratt hawn anness u mmarkat 'Dok.C'.
[2] Traduzzjoni tas-sentenza preliminary tas-17 ta' Ġunju 2021 hawn annessa u mmarkata 'Doc.F'.

13. Is-sur Al Far appella mid-deċiżjoni preliminari tas-17 ta' Ġunju 2021 u waqt seduta li nżammet quddiem il-*Sharjah Federal Court* fil-**31 ta' Awissu 2021**[3], il-*Sharjah Federal Court* qalbet id-deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2021 u ħalliet il-każ jmur lura għall-ewwel istanza sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu, u għalhekk injorat kompletament il-klawżola t'arbitraġġ fi klawżola 23 tal-Kuntratt.

14. Fit-**30 ta' Novembru 2021**, ingħatat deċiżjoni (Doc.MM2 anness mar-rikors promotur) mil-*Sharjah Federal Court*. Il-qorti ċaħdet il-kawża kontra l-ewwel intimat, Kareem Marwan Abdel Sattar, u t-tieni intimati, Jamil Maani, u obbligat it-tielet u r-raba' intimati sabiex flimkien iħallsu lir-rikorrent AED 5,079,943.75 bl-interessi bir-rata ta' 6% fuq dan l-ammont mid-data tal-pretensjoni sad-data tal-pagament. Ir-raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza meta neħħiet l-ewwel u t-tieni intimati kien li ma kellhomx il-kapaċita' legali neċessarja.

15. Wara d-deċiżjoni hawn fuq imsemmija, kemm is-sur Al Far u kif ukoll l-intimati Aria Holdings u Aria Asset Management Scc appellaw quddiem il-*First Civil Circuit of Appeal* (ara Doc.MM3 anness mar-rikors promotur). Iż-żewġ appelli ġew miċħuda, u d-deċiżjoni appellata kienet sostnuta b'deċiżjoni tat-**8 ta' Frar 2022**.

16. Fit-**28 ta' Marzu 2022**, is-sur Al Far ippreżenta *challenge* quddiem il-*Commercial Cassation Court* kontra d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2022. Aria Holdings u Aria Asset Management Scc ippreżentaw *counter-challenge*. Nonostante, il-*Commercial Cassation Court* ċaħdithom u ngħatat is-Sentenza.

17. Fl-**20 ta' Marzu 2024**, sentejn wara s-Sentenza, saret *'Correction of material error'* biss fl-atti tad-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2021 fis-segwenti sens: *The name of the fourth defendant is (Aria Est. Management SCC Limited) to become (Aria Asset Management (Malta) SCC Limited*. L-esponenti jinnota li inizjalment ir-raba' intimat kienet Aria Asset Management SCC (mhux Aria Est Management SCC Limited). Għal darb'oħra, Winthrop ma tirraffigura mkien.

18. Fil-**11 ta' April 2024**, is-sur Al Far ippreżenta rikors quddiem il-Qrati Maltin fejn talab **biss** l-eżekuzzjoni tas-Sentenza.

## C. WINTHROP MA KENITX PARTI GĦALL-PROĊEDURI ESTERI; MA KENITX NOTIFIKATA BL-EBDA RIKORSI, U LANQAS SETGĦET TIRRISPONDI – WINTHROP MA KENITX IT-TELLIEFA FIL-

[3] Ara paġna 5 ta' Dok MM2

**<u>PROĊEDURI ESTERI (ART.827(1)(A), 811(B) TAL-KAP 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA). WINTHROP LANQAS HIJA L-LEĠITTIMU KUNTRADITTUR GĦALL-PROĊEDURI PREŻENTI TA' EŻEKUZZJONI.</u>**

19. Winthrop hija entita' lokali imwaqqfa f'Novembru 2018 taħt ir-reġim tas-*securitisation*. Huwa ċar li mhijiex parti għall-proċeduri esteri u mhijiex waħda mill-erba' intimati hemm elenkati. Ma kenitx notifikata bl-ebda rikorsi li istitwew dawk il-proċeduri u ma pparteċipatx f'dawk il-proċeduri. Għalhekk, is-Sentenza ma tistax tiġi eżegwita kontriha għaliex mhijiex sentenza kontra Winthrop u huwa ċar li Winthrop mhijiex it-telliefa f'dawk il-proċeduri. Winthrop għalhekk mhijiex il-leġittimu kuntradittur għal dawn il-proċeduri *de quo* ta' eżekuzzjoni. Jekk proċeduri ta' eżekuzzjoni jiġu istitwiti kontra persuna (Winthrop, fil-każ preżenti) **<u>li ma kenitx parti għall-proċeduri li r-rikorrent irid jeżegwixxi</u>**, allura Winthrop tissottometti bir-rispett li l-azzjoni abbażi tal-artikolu 826 tal-Kap.12 qatt ma tista' tirnexxi.

*(i) Winthrop ma kenitx parti għall-proċeduri esteri fl-ebda stadju. Fil-fatt, l-isem Winthrop ma jidher imkien u ma jirriżulta minn ebda parti tas-Sentenza li ppreżenta r-rikorrent.*

20. Ir-rikorrent nomine qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni biss tas-Sentenza. Is-soċjetajiet intimati li jissemmew f'din is-sentenza huma biss 'Aria Holdings' u 'Aria Asset Management Scc'. Ma hemm l-ebda referenza għal Winthrop. Il-proċeduri nbdew u s-Sentenza ngħatat **<u>ħafna wara</u>** t-3 ta' Lulju 2020, meta Aria Asset Management (Malta) SCC Limited biddlet isimha għal <u>Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited</u>. Fi kwalunkwe każ, is-Sentenza lanqas tirreferi għall-isem preċedenti ta' Winthrop, ċioe' <u>Aria Asset Management (Malta) SCC Limited</u>. Is-Sentenza tidher li hija sentenza, pero' jekk hija tassew tali, hija sentenza kontra intimati oħrajn, u mhux Winthrop.

21. Addizzjonalment, anke jekk wieħed kellu jikkunsidra l-ismijiet tal-partijiet fis-sentenzi annessi bħala Dok.MM2 u Dok.MM3 (għalkemm ma hemm l-ebda talba, fir-rikors promotur, sabiex dawn is-sentenzi jiġu eżegwiti, u għalhekk dan il-punt qed jiġi mressaq biss għall-grazzja tal-argument ta' Winthrop):

- Dok.MM2 jirreferi għal Aria Holdings u Aria Asset Management SCC;
- Dok.MM3 jirreferi għal Aria Holdings u Aria Asset Management Scc.

22. Għal darb'oħra, l-argument fil-paragrafu 20 hawn fuq huwa mtenni: il-proċeduri nbdew u iż-żewġ sentenzi hawn fuq imsemmijin ngħataw **wara** it-3 ta' Lulju 2020, meta Aria Asset Management (Malta) SCC Limited biddlet isimha għal Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited. Fi kwalunkwe każ, l-ebda waħda minn dawn is-sentenzi ma tirreferi għall-isem preċedenti ta' Winthrop, ċioe' Aria Asset Management (Malta) SCC Limited.

23. Addizzjonalment, lanqas Winthrop ma hija msemmija fil-*'Correction of material error'* li saret biss fl-atti tas-sentenza tat-30 ta' Novembru 2021, u dan snin wara li l-proċeduri kienu terminati. Din il-bidla (saret kif saret) mhijiex riflessa fis-sentenzi sussegwenti u mhijiex riflessa fis-Sentenza, li tagħha biss qed tintalab l-eżekuzzjoni quddiem din l-Onor. Qorti. Il-bidla taqra sempliċement: *The name of the fourth defendant is (Aria Est. Management SCC Limited) to become (Aria Asset Management (Malta) SCC Limited*. Din hija l-ewwel darba, kważi sentejn u nofs wara s-Sentenza li hemm bidla ntrodotta biss f'waħda mis-sentenzi, b'din il-'korrezzjoni' mhux tibdel isem, pero' tinvoka l-isem preċedenti ta' Winthrop, ċioe' Aria Asset Management Malta SCC Limited.

24. Din il-'korrezzjoni' ma biddlitx isem iżda ntroduċiet entita' oħra – jekk din ir-referenza kienet intiża li tkun għal Winthrop. Pero', mhijiex korretta għaliex Winthrop kienet magħrufa bħala tali minn żmien qabel. Winthrop kienet bidlet isimha fit-3 ta' Lulju 2020.

25. Il-'korrezzjoni' hija wkoll żbaljata għaliex ma kien hemm qatt ebda raba' intimat magħruf bħala Aria Est. Management SCC Limited.

26. Barra minn hekk, hija wkoll oġġezzjonabbli għaliex (għal darb' oħra) Winthrop ma kienet notifikata bl-ebda rikors jew dokument in konnessjoni ma' din l-allegata korrezzjoni. Winthrop qatt ma ngħatat l-opportunita' tirrispondi jew tagħmel sottomissjonijiet f'dan ir-rigward. Għalhekk f'daqqa waħda, fl-20 ta' Marzu 2024, permezz ta' l-allegata 'korrezzjoni', Winthrop ġiet implikata f'dawn il-proċeduri b'din ir-referenza, f'din l-allegata korrezzjoni, għall-isem preċedenti ta' Winthrop. B'din l-allegata korrezzjoni, effettivament parti ġiet inkluża f'waħda mis-sentenzi (fl-ewwel waħda) meta r-referenza qatt ma kienet qabel inkluża. Din mhijiex sempliċi korrezzjoni, imma l-introduzzjoni ta' intimat ġdid f'waħda mis-sentenzi (l-ewwel waħda tal-2021), korrezzjoni eżegwita meta s-Sentenza kienet ġja mogħtija, u fi kwalunkwe każ korrezzjoni li mhijiex riflessa fis-Sentenza li tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni quddiem din l-Onor. Qorti.

(ii) *Winthrop ma kenitx parti għall-Kuntratt u ma taqax fit-tifsira ta' "Firm" kif imfissra fil-Kuntratt.*

27. Il-proċeduri esteri kienu bbażati fuq il-Kuntratt, li daħlu fih ir-rikorrent nomine u Absolute Return Investment Advisers (ARIA) Dubai Branch. Mhux talli Winthrop ma kenitx parti għall-Kuntratt, iżda Winthrop lanqas biss kienet inkorporata meta l-partijiet daħlu fil-Kuntratt:

> "*This* [the claim] *is based on an agreement between the Plaintiff and Absolute Return Investment Advisers (ARIA) Ltd, signed by the first and second Defendants".*[4]

28. Kif ġja ngħad, il-Kuntratt jestendi l-obbligi għall-entitajiet oħra li jaqgħu fit-tifsira ta' 'Firm'. Is-sussidjarji ta' Aria Dubai, il-*holding company* u s-sussidjarji tal-*holding Company* ukoll jaqgħu fit-tifsira ta' 'Firm'.

29. Iżda Winthrop ma taqax f'dik it-tifsira. Hija mhijiex sussidjarja ta' Aria Dubai, u lanqas hija l-*holding company* tagħha u lanqas hija sussidjarja tal-*holding Company* ta' Aria Dubai. Fil-fatt, Winthrop ma għandha l-ebda konnessjoni ma' Aria Dubai.

## D. <u>KSUR TAL-KLAWŻOLA TA' ARBITRAĠĠ FIL-KUNTRATT – ART 811(D) U 827(2) TAL-KAP.12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA</u>

30. Mingħajr preġudizzju għad-difiżi hawn fuq imsemmija u biss jekk din l-Onor. Qorti tiċħad id-difiża ta' Winthrop hawn fuq esposta (parti Ċ ta' din ir-risposta), Winthrop tissottometti li l-*Commercial Cassation Circuit* ma kellhiex ġurisdizzjoni fuq Winthrop. F'dan l-istadju, Winthrop ma tistax ma ssemmix l-assurdita' tal-fatt li hija trid tqajjem din id-difiża, stante li hija qatt ma kienet parti fil-proċeduri esteri, u lanqas kienet parti għall-Kuntratt fejn il-klawżola ta' arbitraġġ kienet inkluża. Għal darb'oħra, jerġa' jingħad li din id-difiża qed tiġi eċċepita assolutament mingħajr preġudizzju għall-ewwel difiża.

31. Il-Kuntratt, fi klawżola 23, jipprovdi li l-liġi applikabbli għall-Kuntratt tkun il-liġi ta' l-Ingilterra u Wales. Addizzjonalment, il-Kuntratt fi klawżola 23 jipprovdi:

> *"In the event of a dispute arising out of or relating to this Agreement, including any question regarding its existence, validity or termination, the parties shall first seek settlement of that dispute by mediation in accordance with the Mediation*

[4] Ara paġna 3 ta' Doc.MM3.

*Rules of the DIFC LCIA Arbitration Centre, which Rules are deemed to be incorporated by reference into this clause.*

*If the dispute is not settled by mediation within 45 days of the commencement of the mediation, or such further period as the parties shall agree in writing, the dispute shall be referred to and finally resolved by Arbitration under the Arbitration Rules of the DIFC-LCIA Arbitration Centre, which Rules are deemed to be incorporated by reference into this clause.*

*[...]*

*In any arbitration commenced pursuant to this clause, the number of arbitrators shall be one; and the seat, or legal place, of arbitration shall be Dubai, United Arab Emirates."*[5]

32. Għalhekk, Winthrop tissottometti umilment li ai termini tal-artikoli 827(2) u 811(d), ir-rikors għandu jiġi miċħud anke għaliex is-Sentenza ngħatat minn qorti li ma kellhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-materja, għax ingħatat bi ksur tal-klawżola t'arbitraġġ li fiha daħlu l-partijiet għall-Kuntratt (mhux Winthrop).

## E. <u>EŻEKUZZJONI BISS TAS-SENTENZA</u>

33. Mingħajr preġudizzju, ir-rikorrent nomine talab biss l-eżekuzzjoni f'Malta tas-Sentenza, u ma talabx l-eżekuzzjoni tas-sentenzi preċedenti. Qari tas-Sentenza (Dok.MM4 anness mar-rikors promotur) juri li ma hemm l-ebda talbiet jew ordnijiet fis-Sentenza li jistgħu jiġu eżegwiti kontra Winthrop.

34. Is-Sentenza ddeċidiet (ara l-aħħar paġna ta' Dok.MM4) kif ġej: "THEREFORE. *The court ruled, in the Council Chamber, not to accept both Challenges, and obligated each Contestant with the fees and expenses of its Challenge, and ordered with set-off regarding the attorney's fees, along with confiscating the security in both Challenges.*"

## F. <u>KONKLUŻJONI</u>

Għal dawn ir-raġunijiet, Winthrop titlob lil din l-Onor. Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent nomine.

Bl-ispejjeż.

---

[5] Ara klawżola 23 tal-Kuntratt – Doc.C.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Bil-proċeduri odjerni, ir-rikorrent nomine qiegħed jitlob, sabiex a' tenur ta' l-Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tordna l-esekuzzjoni tas-Sentenza tal-Commercial Cassation Circuit ġewwa Dubai kontra s-Soċjeta' intimata.

Din is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Novembru 2021 (a' fol 4). Fost il-konvenuti li ġew ikkundannati jħallsu l-ammont mertu ta' dawn il-proċeduri kien hemm is-Soċjeta' Aria Asset Management SCC. F'dokument ieħor imsejjaħ *"Execution Case Status Certifcate"* maħruġ fit-18 ta' Settembru 2024 intqal, li din is-Sentenza ttieħdet kontra Aria Holdings u Winthrop Woodrow Asset Management SCC Limited. (a' fol 168).

Is-Soċjeta' rikorrenti ssostni, li minkejja li kien hemm bidla fl-isem tas-Soċjeta' dan ma jbiddel xejn mill-fatt li s-Sentenza m'għandiex tkun esegwita kontra s-Soċjeta' konvenuta għaliex dejjem baqgħet l-istess Soċjeta.'

Issa kif rilevat, l-isem tas-Soċjeta' fis-Sentenza estera, kif oriġinarjament mogħtija, huwa dak ta' Aria Asset Management SCC. Skond ċertifikat rilaxxat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji lokali, is-Soċjeta' li biddlet isimha huwa dak tas-Soċjeta' konvenuta hija Aria Asset Management **(Malta)** SCC Limited, mentri dik fil-ġudizzju esteru hija Aria Asset Management Ltd, mingħajr il-kliem (Malta) mingħajr id-desinjazzjoni ta' Limited.

Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li *"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi".*

Issa biex il-Qorti tordna l-esekuzzjoni trid tkun konvinta li l-persuna intimata f'dawn il-proċeduri hija l-istess waħda li għandha **ġudikat** kontra tagħha. Element fundamentali għall-esekuzzjoni ta' Sentenza. Is-sentenzi lokali jsostnu li fir-rigward ta' żball f'isem ta' parti, jgħallmu hekk:-

*"... ma hemmx dubju li fl-istess kawża l-isem ta' waħda mill-partijiet kien żbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata ħażin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."* Ara Sentenza fl-ismijiet **Elisa sive Alice Cachia et -vs- Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et no etas-26 ta' Gunju 1957 PA**). U fis-Sentenza fl-ismijiet **Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe tal-10 ta' Diċembru 1963 PA** ukoll intqal *"… illi ġie ripetutament deċiż mill-Qorti tagħna illi żball fl-isem jew il-kunjom ta' xi ħadd mill-partijiet jimporta n-nullita' ta' l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."* Il-Qorti ma tarax għalfejn ma għandiex tapplika dawn il-prinċipji għas-Sentenza estera għaliex wara kollox li kawża tkun ben indirizzata hija kwistjoni ta' ordni pubbliku stante li hawn si tratta tal-idenitita' korretta tal-parti "telliefa".

Issa huwa minnu li l-Qorti li emenat is-Sentenza estera tassew laqgħet korrezzjoni billi bidlet l-isem għal "*Aria Asset Managment SCC Limited to become Aria Asset Management (Malta) SCC Limited*" (a' fol 154). Iżda jibqa' fatt li fl-okkju tas-Sentenza estera fl-oriġini tagħha l-isem li jirrikorri huwa dak Aria Asset Managment SCC mingħajr id-desinjazzjoni ta' "Limited" u anke ta' "Malta". Din il-Qorti ma tistax tieħu l-affarijiet b'mod leġġer. Di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs Avukat Dottor John Mamo noe tat-28 ta' Frar 1997** fejn l-iżball kien jikkonsisti fl-isem ta' l-attur, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet:- "*Dan hu żball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell neċessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jiġu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawża – li jkunu qed jiġu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza tagħmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa ċar li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirriżultax effikaċi fil-liġi. L-iżball allura jeħtieġ li jiġi rettifikat".* Issa f'dan il-każ l-iżball kien l-isem tal-Attur mela aħseb u ara meta jkun żball fl-isem tal-konvenut bħal ma huwa l-każ odjern.

Forsi għal dawk li huma "lay people" l-ommissjoni tal-kelma *Limited* huwa dettal żgħir, iżda mhux f'għajnejn il-liġi. Aria Assett Management SCC ma hiex Aria Asset Managment SCC Limited, għaliex hija din il-kelma li tikkostitwixxi l-identita' tas-Soċjeta' inkwistjoni. Issa jekk dan l-iżball kienx tal-parti jew il-Qorti estera, din il-Qorti ma hiex ser tidħol fih, dejjem jekk tassew kien żball wara kollox, għaliex kumpaniji ta' karattru ġuridiku differenti jeżistu.

Għalhekk dan ukoll joħloq dubbju serju li minnu tibbenifika is-Soċjeta' intimata u dan peress li meta l-ewwel ingħatat is-Sentenza estera, hemm dubbju serju kemm din ġiet korrettament notifikata bl-atti kif trid il-liġi u skond l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Din il-Qorti dejjem sostniet li n-notifika korretta tal-atti hija l-pedament li fuqu jistrieħ il-prinċipju ta' smiegħ xieraq. Dan qiegħed jingad fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalhekk għandha raġun is-Soċjeta' intimata meta tgħid li l-korrezzjoni hija żbaljata għaliex ma kien hemm "*ebda raba' intimat magħruf bħala Aria Asset Est (Recte Asset) Management SCC Limited*" (A' fol 56 para 25).

Għalhekk din il-Qorti m'għandha ebda triq oħra ħlief li tiċħad it-talbiet rikorrenti. Isem ta' Soċjeta' b'responsabbilita' Limitata fil-każ ta' Sentenza li tkun marret in ġudikat għandu jkun preċiż u mingħajr ebda diverġenzi minn dak li tkun ġiet reġistrata bih.

Għalhekk din il-Qorti ma hiex konvinta li s-Soċjeta intimata kienet tassew parti għall-proċeduri li waslu għas-Sentenza estera li qed tkun mitluba tiġi esegwita kontra tagħha. Ergo ma jistax jingħad li kien hemm ġudikat fil-konfront tal-istess.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjes ta' din il-proċedura kontra tagħha.

**Imħallef Toni Abela** | **Deputat Reġistratur**